# L-AĦĦAR TISLIMA

IS-SINJURA NEŻ kienet ilha fuq il-għoxrin sena armla; mara sewwa u tar-ruħ, mara tad-dar u tal-għaqal qatt ma ħabblet moħħha fuq il-frugħa jew tilfet rasha fuq iċ-ċajt; kienet sinjura ferriħija, nadifa, tal-ġabra, taf tmur ma' kulħadd, mhix imqita mal-fqir, ta' ġewwa ma' nisa oħra tal-qatgħa tagħha; kliemha meqjus, qatt ma tibqa' lura biex twissi għall-ġid jew biex tfarraġ lil min hu mnikket; għalkemm ma kellhiex għana kbir ma kinetx tgħix ħażin, għax żewġha, l-Avukat Mabbli Cilia, kien ħallielha xi ħabbtejn u għalkemm ma kellhiex ħala, f'darha qatt ma naqas xejn.

Dik l-armla rżina u tal-għaqal, rabbiet il binha Sander fost il-għożża iżda qatt ma ħassritu bil-fsied jew ħejm żejjed; kienet tixtrilu kull ma tixtieq qalbu u qatt ma ħallietu nieqes minn xejn, iżda dejjem żammitlu iebes meta ħabat ser jitwiegħer jew jittajjar; bl-imħabba ta' qalbha, bil-ħlewwa ta' kliemha, dik l-omm ħanina dejjem mexxiet 'il binha fit-triq tas-sewwa, nisslitlu f'qalbu drawwiet ta' rġulija u rawmetlu f'ruħu fehmiet ta' sliem.

Minn meta kien għadu daqsxejn ta' tifel imur jitgħallem għand is-Sorijiet sakemm daħal il-Liċew, is-Sinjura Neż imxiet ma' binha m'hux biss bħala omm iżda wkoll bħala għalliema; kienet tiftaħlu għajnejh, twissih u tmexxih biex ma jintilefx fil-ġibdiet ħżiena tad-dinja.

Is-Sinjura Neż kienet tgħix għal binha biss, fih taħseb il-ħin kollu, qalbha dejjem tħabbat għalih, moħħha dejjem ihewden fuqu, daqqa tixtiequ jikber biex tarah raġel im-laħħaq, tal-galbu u meqjum, u daqqa qalbha ttaqtaq bil-biża' x'ħin taħseb li dak binha meta jikber kellu mnejn jimla rasu bir-riħ u ma jibqax miġbud lejha bil-ħrara ta' qalbu kollha; fil-ferħ ta' qalbu, fid-dwejjaq ta' ruħu, Sander kien ifittex 'l ommu u jaqsam magħha l-hena u n-niket tal-ħajja; hu qatt ma ħeba xejn minnha għax kien jaf li dik ommu dejjem laqgħetu bil-ħlewwa u bis-sabar, kien iħoss ħlewwa kbira jiftaħ qalbu magħha u dejjem ħass ruħu mistrieħ u mfarraġ mill-imġiba ħanina ta' ommu.

Hekk baqgħu omm u iben għal żmien twil igħixu fil-paċi u s-sliem, imbagħad hu kiber u ħtieġlu jmidd għonqu; laħaq Surmast ta' l-Iskola u billi kien tifel sewwa, jinqala'

fl-iskola, moħħu jilħaqlu, fuq ruħu u jaf jinġieb, kien magħżul biex isiefer u jmur l-Ingilterra ħalli jissaħħaħ u jitħarreġ iżjed fit-tagħlim.

Dak in-nhar li binha kellu jsiefer kien jum ta' niket kbir għas-Sinjura Neż; hija li qatt ma kienet infirdet minn binha, ħasset għafsa ta' qalb li ma bħalha meta waslet biex tagħtih il-barka tagħha u tixtieqlu l-vjaġġ it-tajjeb; għajnejha mtlew bid-dmugħ u telgħetilha għoqla fi griżmejha hekk li bilkemm felħet titkellem, imma biex ma turix id-dwejjaq tagħha lil binha, ħalli hu jmur b'moħħu mistrieħ, dik l-omm ta' ħila kbira rebħet in-niket ta' qalbha u għannqitu u bisitu u saħansitra daħkitlu ħalli ttaffilu l-imrar tal-firda.

* * *

Omm u iben baqgħu jiktbu lil xulxin u ma kinetx tgħaddi ġimgħa li ma jaslulhomx ittri mixgħulin bil-ħrara u bl-imħabba; it-tifel kien jiftaħ qalbu ma' ommu u juriha għommtu'u l-omm kienet tagħti d-dawl lil binha u twissih bil-ħlewwa u bl-imħabba kollha. Imbagħad qamet il-gwerra u ġiebet magħha tħarbit u taħwid li qallbu d-dinja ta' taħt fuq, l-ittri ma baqgħux jaslu kull ġimgħa u l-aħbarijiet bdew jitbiegħdu. L-omm ħadet rasha dejjem tixxennaq għall-aħbarijiet ta' binha u hu l-ħin kollu jaħseb fuq ommu u jibża' mit-tiġrib li kien ġej fuqha.

Meta l-Italja daħlet fil-gwerra, il-qagħda f'Malta marret għall-agħar, il-periklu kiber, mewt u qirda kuljum u ħsara u tigrif ma' kullimkien. Is-sinjura Neż, bħall-Maltin kollha, batiet kull għaks, rat il-mewt bosta drabi u ħasset it-tbatijiet, it-tweghir in-nuqqasijiet tal-ħajja ħarxa ta' żmien il-gwerra, għax Malta kienet imblukkata u mhux lakemm jaslu ħwejjeġ minn barra. Iżda l-iktar li kien ikiddha n-nuqqas ta' aħbarijiet ta' binha.

Il-Gżira tagħna mdawra bl-egħdewwa, maħbuta mill-ajru, imqallba u mħawda għaddiet minn żmien ikrah wisq, il-ħruxija u l-kefrija tal-għadu ħabbtu fuqha bil-qilla tagħhom kollha, iżda hi baqgħet dejjem sħiħa u qawwija, qisha blata li fuqha jħabbat il-mewġ, qisha dawl jiddi fid-dlamijiet u l-kruha tal-gwerra.

Il-ħila ta' Malta għaġġbet lid-dinja u l-Maltin imxerrdin ma' kull riħ ħassew ruħhom aktar miġbudin lejn din il-Gżira li tathom il-ħajja, xtaqu aħbarijiet ta' nieshom u qrabathom u għalhekk inħasset il-ħtieġa li jixxandru aħbar-

ijiet bil-Malti għall-Maltin ħalli huma aktar jibqgħu marbutin flimkien fis-siegħa tan-niket u tal-hemm u billi ma hawnx aqwa mill-Ilsien Malti biex iżomm lill-Maltin annuna u magħqudin flimkien, il-Kumpannija tax-Xandir, B.B.C. ta' Londra, bdiet kull nhar ta' Sibt ixxandar aħbarijiet bil-Malti u ħafna Maltin li kienu Londra setgħu jibagħtu tislijiet lil nieshom ta' Malta.

Is-Sinjura Neż, bħall-Maltin kollha, kull nhar ta' Sibt kienet tistenna bil-ħerqa x-xandir bil-Malti minn Londra, dejjem bit-tama li fl-aħħar tisma' lil binha jkellimha fuq ir-radju: dawk l-aħbarijiet bil-Malti mill-qalba ta' l-Imperu Ingliż kienu jqanqlu qalb kull min jismagħhom u n-nies kienet tkun tistenniehom bi ħrara kbira.

Kien is-Sibt fil-għodu, is-Sinjura Neż kif kienet imdorrija kienet sejra għall-quddiesa tas-sebgħa, f'daqqa waħda s-sirena ħabbret twissija ta' ħbit mill-ajru u minnufih beda, l-isparar, instemgħu ajruplani jgħoddsu u jwerdnu, inħassu bombi jsaffru u jvenvnu; dlonk qamu ħsejjes tal-biża'; tfaqqigħ ta' balal, theżhiż ta' djar, tiġrif ta' bini; in-nies kienu meħudin għal għarrieda; f'daqqa waħda qamet taħbila kbira u ħamba li ma bħalha, kulħadd telaq jiġri jfittex il-kenn tax-xelter, is-Sinjura Neż ukoll telqet tgħaġġel biex iddabbar rasha, kellha fehma li tidħol il-knisja għax ħasbet li għall-kenn tad-dar t'Alla l-ebda deni ma sata' jiġrilha, iżda malli daħlet ġewwa l-knisja u rtasset taħt il-ħnejja tan-navi, inħasset theżhiża tal-biża' msieħba ma' tfaqqigħa tal-waħx fil-waqt li nefħet fewġa qawwija ta' riħ sħun li qaleb kollox u sabbat 'il kulħadd ma' l-art, imbagħad il-knisja donnha tħarrket mis-sisien tagħha u xxejret minn naħa għal oħra, imtliet bi dħaħen kbar u għabra u trabijiet, qamet riħa ta' kubrit u nstama' tfarrik ta' żġieġ, tiksir ta' għowied, infetaħ is-saqaf u beda jiġġarraf il-ġebel bi ħsejjes u tregħid tal-biża'. Is-Sinjura Neż bilkemm kellha żmien tgħid *Ġesù, Marija!*, sabet ruħha mirduma taħt borġ ġebel li beda nieżel bħax-xita.

Kienet għada ma daqqetx is-sirena biex tħabbar li l-ajruplani tal-għadu għaddew meta għadd kbir ta' nies, imseħbin ma' dawk ta' l-*A.R.P.* ġrew biex jagħtu għajnuna lil dawk li ntradmu taħt il-knisja. Kien hemm dehra tal-biki u ħerba li tkexkex: xbihat tal-Qaddisin imċarrtin, statwi mkissrin u mxerrdin 'l hawn u 'l hinn, xama' u gandlieri u trieħi ta' l-artali mħarbtin, mitfugħin ma' kull naħa u mħalltin ma' ġebel u mazkan u travi u laqx fil-waqt li minn

taħt ir-radam kien jinstama' ħiereġ krib ta' nies midruba li jaqsam il qlub.

Is-Sinjura Neż ħaduha l-Isptar u malli raha t-tabib kemmex xofftejh: kellha l-qafas ta' sidirha mgħaffeġ. L-imsejkna kienet tbati wġigħ kbir ma' kull nifs li tieħu; is-sorijiet u l-infermieri daru biha bi ħrara l-aktar ħanina iżda hi mill-ewwel fehmet li tama ta' fejqan għaliha ma kienx hemm u rabtet qalbha mar-rieda t'Alla, biss kienet tidher mixtieqa għal xi ħaġa u kienet bla sabar il-ħin kollu tistaqsi x'ħin kien; wara nofs in-nhar qalbet għall-agħar, naqsilha n-nifs, wiċċha beda jikħal u xbinha xxarrab b'għaraq kiesaħ, it-tabib resaq lejha u staqsieha tixtieqx xi ħaġa, is-Sinjura Neż qalbet lejh għajnejha miksurin u weġbitu bil-leħġa:

"Ħaġa waħda xtaqt nitolbok, Dott!"

"Għidli x'tixtieq, Sinjura Neż?"

"Xtaqt nisma' għall-aħħar darba l-aħbarijiet bil-Malti mill-Ingilterra."

It-tabib baqa' ħosbien għal ftit tal-ħin, donnu ma jistax jifhem il-ħsieb tas-Sinjura, iżda din reġgħet talbitu b'leħen mitfi li jqanqal ħniena:

"Tabib, nitolbok bil-ħrara kollha tħallini nisma' minn Londra. Qalbi teħbirni li sejjer jitkellem ibni u tkun l-aħħar darba li nisma' leħnu qabel il-Bambin jiġborni."

Is-Soru għajnejha ħmaru u dawret wiċċha biex tixxotta d-dmugħ; il-Kappillan qabad id is-Sinjura Neż u beda jsabbarha; it-tabib dar fuq l-infermiera u qallha biex tmur tiftaħ ir-Rediffusion li kien imwaħħal f'tarf is-sala u tgħollilu biex jinsama' aħjar.

Wara ftit, il-ħabbar minn Londra nstama' jgħid li ser jibda l-programm Malti; wiċċ is-Sinjura Neż ħa d-dawl u leħħa ta' hena dehret tiddi fi ħbub għajnejha. Dak li jxandar l-aħbarijiet bil-Malti qara l-ġrajja tal-ġimgħa mbagħad qal: "Issa ser jitkellem is-Sur Sander Cilia, żagħżugħ Malti li qiegħed Londra."

Għal din l-aħbar is-Sinjura Neż tqanqlet b'dehxa kbira, riedet tqum bil-qiegħda, xfar għajnejha xxarrbu bid-dmugħ ta' faraġ u tbissima ta' hena feġġet fuq xofftejha. It-tabib li kien għadu ma' ġenb il-midruba, żiegħel biha bil-ħrara ta' qalbu kollha u l-Qassis għamlilha l-ħila mill-aħjar li sata', iżda hija kellha ħsiebha kollu fir-Rediffusion u kienet tħares lejh b'dehwa l-aktar kbira donnha kienet tixtieq tixrob kull kelma li toħroġ minnu.

"Kif inti ma! Intix tajba?" nstama' jgħid Sander. "Jiena ninsab qawwi u sħiħ u tħabbelx moħħok fuqi". Is-Sinjura Neż rasset idha fuq qalbha. "Hawn jien qiegħed tajjeb u ma jonqosni xejn, biss ma nistax nissabbar għax imbiegħed minnek." Lill-midruba ħarġetilha karba minn qiegħ qalbha, it-tabib għafsilha idejha, is-Soru bdiet tmellsilha xagħarha, il-qassis fetaħ il-ktieb tat-talb. "Ma! jiena nibgħat inselli għalik u nitlob il-barka tiegħek" Xofftejn is-Sinjura tħarrku biex tbierku. "Tgħid indumu ma niltaqgħu? Meta jkollna x-xorti li nerġgħu naraw lil xulxin?" Is-Sinjura Neż refgħet għajnejha lejn is-sema donnha biex tfisser li hemm fuq kellhom jiltaqgħu hi u binha, tbissima tal-ġenna feġġet fuq offxtejha, mejlet rasha u ruħha ttajret lejn is-sema.

Ġużè Galea